MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 1681/2005

**Carmen Calafato (K.I. 623842M)**

**Vs**

**Jesmond Compagno (K.I. 49070M) u martu**
**Concetta sive Connie Compagno (K.I. 52969M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Awissu 2005, fejn l-attrici ppremettiet illi (1) fit-13 ta' Lulju tal-2004 l-konvenuti ddepozitaw fir-Registru tal-Qorti s-somma ta' hamsin Lira Maltin permezz tac-cedola numru 1022/04 (Dok A) a favur ta' l-attrici liema ammont kien dovut lill-istess attrici bhala pagament ta' sentejn cens maghluqa fit-12 ta' Lulju tal-2003 u fit-12 ta' Lulju tal-2004 ghall-utile dominju ta' porzjon art maghrufa bhala Ta' Hattab sive Ta' Fuq il-Wied, b'faccata fuq Triq Gorse, f'Birkirkara fuq

liema art il-konvenuti bnew ir-residenza attwali taghhom; (2) l-ispejjez relatati mad-depozitu ammontaw ghas-somma ta’ wiehed u ghoxrin Lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm21.67) liema somma tnaqqset mic-cens depositat; (3) l-attrici qatt ma rrifjutat l-imsemmi cens u ghalhekk ma kienx hemm raguni biex ic-cens jigi depositat il-Qorti a spejjez taghha. Ghaldaqstant l-attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu jordna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ wiehed u ghoxrin Lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm21.67) lill-attrici, bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata tmienja u ghoxrin ta’ Lulju 2005 (Dok B) kontra l-konvenuti.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuti pprezentata fis-7 ta’ Frar 2006 li fiha ppremettew illi c-cedola ta’ depozitu pprezentata fit-13 ta’ Lulju 2004 hija lecita u skond il-ligi diment illi giet reza necessarja minhabba l-komportament ta’ l-attrici; illi fl-2003 l-konvenuti kienu baghtu cheque ta’ l-HSBC plc lill-attrici, liema cheque baqa` ma ssarrafx ghal numru ta’ xhur, waqt illi l-attrici zammet ukoll arbitrarjament il-ktieb tac-cens; illi meta saret dovuta l-iskadenza ta’ l-2004, il-konvenut kien anki mar ifittex lill-attrici fir-residenza taghha il-Belt, imma ma kien hemm hadd; illi l-konvenuti kienu minkejja bosta sforzi ma rnexxilhomx ihallsu lill-attrici l-ammonti ta’ *canone* dovuti ghall-iskadenzi pagabbli fit-12 ta’ Lulju 2003 u fit-12 ta’ Lulju 2004; illi l-konvenuti nterpellaw lill-attrici anki permezz ta’ ittra legali datata 23 ta’ Gunju 2004, izda minkejja hafna sforzi, hija qatt ma fethet ghal tal-posta. Ghalhekk il-konvenuti kulma ghamlu kien illi ottempraw ruhhom ma’ l-obbligi taghhom ta’ utilisti versu l-attrici, anki in vista ta’ dak li jikkontempla l-artikolu 1517 ta’ Kap XVI, u m’ghandhomx jigu penalizzati ghax ottempraw ruhhom mal-ligi, izda hija l-attrici li ghandha tbati l-konsegwenzi tal-intransigenza, in-negligenza u l-irreperibilita` taghha. Ghalhekk it-talba attrici hija nfondata u jehtieg illi tincahad, bl-ispejjez kontra l-attrici.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ra d-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-attrici **Carmen Calafato** xehdet permezz ta’ affidavit li fih l-attrici qalet illi fis-snin ta’ qabel l-2003 il-konvenut kien generalment ihallas ic-cens permezz ta’ cheque li hu kien jibghat bil-posta. Kien jibghatilha l-ktieb tal-kera u hi kienet taghmillu rcevuta. Hi tghid illi c-cheque ghas-sena 2003 hija rcevietu izda dahlulha d-dar u serquh flimkien mal-ktieb tal-kera u oggetti ohra. Hija tghid li meta cemplet lill-konvenut huwa qalilha “ma nafukx” u baqghet ma rceviet ebda kommunikazzjoni ohra min-naha taghhom dwar il-*canone* dovut ghas-snin 2003 u 2004.

**Jesmond Compagno**, il-konvenut, ukoll permezz ta’ affidavit, xehed illi huma dejjem hallsu c-cens ta’ Lm25 fis-sena b’mod regolari. Il-ktieb tac-cens kien gieli jhallih ma’ Francis Camilleri, persuna li kienet ukoll thallas ic-cens lil Calafato. Huwa jghid li gieli baghtu dirett ghand l-attrici bil-posta. Meta kien ihallas Camilleri kien igiblu l-ktieb lura hu stess, mentri meta kien jibaghtu bil-posta kien isibu fil-posta xi hmistax wara. Jghid li meta wasal biex ihallas tal-2003 huwa kien bghatilha cheque bil-posta flimkien mal-ktieb tac-cens. Il-ktieb kien baqa` ma giex lura u l-bank kienu qalulu li c-cheque ma ssarrafx. Huwa jghid li kien ukoll mar id-dar taghha ifittixha izda hadd ma rrisponda. Harrget persuna minn fuq u qaltlu li Miss Calafato ma kienitx tghix hemm u kellha anki hgieg mkissra fil-gallarija. Allura hu u Camilleri kienu marru ghand l-avukati u baghtulha ittra registrata izda din giet lura. Fuq parir li ma jmorrux jghaddu tliet snin u ma jkunux hallsu ghax kienu jistghu jinqalghu il-problemi. Kien ghalhekk li ddepozitaw ic-cens il-Qorti permezz ta’ cedola. Xi zmien wara li kienu ghamlu dan, Miss Calafato kienet tfaccat u marret ghand Camilleri l-Monti. Il-konvenut jghid illi l-attrici qatt ma kienet avzatu illi c-cheque li kien bghatilha kienu serquhulha u qatt ma cemplitlu d-dar.

Ra n-nota tal-konvenut li permezz taghha esebixxa kopji legali mehudin mill-process tat-Talba Nru: 1680/05 fl-

ismijiet Carmen Calfato u Francis Camilleri et u cioe` affidavit ta' Kevin Camilleri, xhieda ta' Francis Camilleri u affidavit ta' Jesmond Ciappara.

Sema` x-xhieda tal-konvenut **Jesmond Compagno** li waqt is-seduta tat-8 ta' April 2008 irrepeta fis-sustanza dak li kien qal permezz ta l-affidavit.

Ikkunsidra ulterjorment :
Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi l-konvenuti iddepositaw ic-cens fir-Registru tal-Qorti meta ghamlu diversi tentattivi sabiex isibu lill-attrici u ma rnexxilhomx. Anzi jirrizulta ukoll illi dan sar wara li kienu baghtu l-hlas permezz ta' cekk kif dejjem ghamlu qabel, izda c-cekk baqa` ma ssarrafx. Jirrizulta ukoll illi huma qatt ma gew infurmati mill-attrici illi c-cekk kien insterqilha mid-dar taghha, anke jekk l-attrici tghid illi meta cemplet lill-konvenuti, dawn qatghu il-komunikazzjoni maghha u qalula 'ma nafukx'.

Illi jirrizulta illi d-depositu sar fit-13 ta' Lulju 2004 u jkopri il-hlas tac-cens bil-quddiem ghall-iskadenzi Lulju 2003 sa Lulju 2004 u Lulju 2004  sa Lulju 2005. Dan kien ifisser illi l-konvenuti ghamlu depositu ta' sena minnhom u kienu b'lura fiha, u ta' sena ohra li fiha kienu fil-hin ghall-hlas.

Jirrizulta ukoll illi l-konvenuti b'ebda mod ma setghu jintraccjaw lill-attrici u kif xehed il-konvenut – bezghu u ddepozitaw il-flus il-Qorti.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi t-Tribunal irid jara jekk tali depositu sarx kif trid il-ligi jew le.

*Illi l-ligi trid li d-depozitu tal-ammont dovut lill-kreditur jiswa daqs il-hlas, sakemm tali depozitu jkun sar wara li s-somma tkun giet offerta lill-kreditur u dan irrifjutaha, u sakemm dik l-offerta thares il-kundizzjonijiet tassativament mahsuba fl-artikolu 1175 tal-Kodici. B'zieda ma' dan, biex depozitu jkun jiswa daqs il-hlas, huwa kompitu tad-depozitant li jipprova sufficjentement li tali depozitu kien*

*wiehed maghmul b'harsien tal-ligi wara li l-hlas ikun gie validament offert lill-kreditur.* [1]

L-Artiklu 1173 tal-KAP 16 ighid car illi id-debitur jista` jiddepozita l-flus jekk il-kreditur ma jkunx irid jiehu l-flus – u tali depositu jsir a spejjes tal-istess kreditur. L-Artiklu 1175 (1) ikompli jistipula illi "*id-depozitu m'ghandux l-effetti msemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan jekk il-kreditur ma jkunx qabel irrifjuta offerta valida*".

Illi dan kollu jmur biex juri illi sabiex d-depositu isir validament fir-Registru tal-Qorti, il-flus hemmhekk depositati iridu jkunu gew offerti mid-debitur u rifjutati mill-kreditur.

Illi minn ezami bir-reqqa tal-provi maghmula f'dan il-kaz, ma jirrizultax illi l-konvenuti ppruvaw illi huma offrew il-hlas u li dan il-hlas gie rifjutat. Huwa minnu illi ittantaw jintraccaw lill-attrici u ma rnexxilhom. Huwa minnu ukoll illi meta l-attrici cemplet hi, il-konvenuti qatghu l-linja hesrem u ma kellmuhiex. Huwa minnu ukoll illi ma giex ippruvat quddiem dan it-Tribunal illi l-attrici irrifjutat il-hlas.

Li jirrizulta hu illi l-attrici mhux irrifjutat izda serqulha ic-cekk tal-hlas ghas-sena 2003 u ma jirrizultax mbaghad illi saret l-offerta lilha tal-hlas ghas-sena 2004. Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-konvenuti, fis-sena 2004, bezghu li jistghu jiffaccjaw xi konsegwenzi ghax ma jkunux hallsu c-cens – u ghaddew minnufih biex iddepozitaw.

B'hekk it-Tribunal ma jistghax jikkonkludi illi l-konvenuti rnexxilhom jippruvaw illi huma ghamlu l-offerta tal-hlas u l-attrici rrifjutat. Anzi *ex admissis* il-konvenut ighid illi d-depositu sar ghax bezghu illi jghaddu tlett snin u jkollhom konsegwenzi aghar – tant li l-konvenuti ccitaw l-Artikolu 1517 fir-Risposta taghhom. Forsi setghu ukoll jiccitaw l-Artiklu 1519 (2) li kien xi ftit isserhilhom mohhom u ma jghagglux bid-depozitu.

[1] Prim Awla tal-Qorti Civili – Citazz Nru 2345/00JRM – Mac Ltd et vs Said International Ltd et – deciza 9.10.2003

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet ghalhekk, it-Tribunal huwa propens illi jilqa` t-talba attrici.

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li sema` x-xhieda u ra d-dokumenti kollha prodotti, jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attrici s-somma ta’ hamsin Euro u tmienja u erbghin centezmi (€50.48), bl-ispejjes kollha kif mitluba mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------